



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Jannar 2015 — St'art *etvs* Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-36/14)**

“Rikors għal annullament — Programm ‘European Creative Industries Alliance’ — Proġett ‘C I Factor’ intiż li jimplementa strumenti ġodda sabiex jiffavorixxi l-finanzjament ta’ industriji kulturali u kreattivi — Deċiżjoni li ttejjm il-proġett — Att li jaqa’ fil-kuntest purament kuntrattwali li huwa inseparabbli minnu — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament — Rikors li fil-verità jirrigwarda tilwima ta’ natura kuntrattwali — Talba għal annullament ta’ deċiżjoni li tirrexindi ftehim ta’ finanzjament — Nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni — Inammissibbiltà (Artikoli 263 TFUE u 288 TFUE) (ara l-punti 28-30, 33, 35)*
2. *Proċedura ġudizzjarja — Kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi ta’ klawżola ta’ arbitraġġ — Klawżola ta’ arbitraġġ — Kunċett (Artikolu 272 TFUE) (ara l-punti 37, 38)*
3. *Rikors għal annullament — Rikors li fil-verità jirrigwarda tilwima ta’ natura kuntrattwali — Klassifikazzjoni mill-ġdid tar-rikors — Kundizzjonijiet — Rikors li ma huwa bbażat fuq ebda motiv ibbażat fuq il-ksur tar-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali — Esklużjoni tal-kwalikazzjoni mill-ġdid (Artikoli 263 TFUE u 272 TFUE) (ara l-punti 44, 46-48)*

### Suġġett

Rikors għal annullament, minn naħa, tad-“deċiżjoni impliċita ta’ data mhux magħrufa” tal-Kummissjoni ntiża li ttejjm il-proġett “C-1 Factor SI2.609157-2/G/ENT/CIP/11/C/N03C011” u, konsegwentement, sabiex jintemm is-sussidju mogħti lill-konsorzju li r-rikorrenti jagħmlu parti minnu u, min-naħa l-oħra, tad-“deċiżjoni espliciċita li tikkonfermah” adottata fid-29 ta’ Novembru 2013.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) St'art — Fonds d'investissement dans les entreprises culturelles; Stichting Cultuur — Ondernemen u Angel Capital Innovations Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.